# Joe Agius Ruggier

*Charles Briffa*

Joe Agius Ruggier miet fil-11 ta' Ġunju 2000. Kien għalliem mal-Gvern, imma kiteb ħafna xogħlijiet għar-radju. Kien ewlieni fost dawk li kitbu r-radjudrammi għar-*Rediffusion*. Fost ix-xogħlijiet tiegħu f'dan il-qasam nistgħu nsemmu: *Christmast Carol, Mill-Kakì għall-Kaxmir, Dak il-Baruni, Karmni tas-Swej, It-Triq Einsten*, u *Dun Saver*. Kiteb ukoll żewġ rumanzi: *Frankie* u *Lucia*; u ttraduċa kotba bħal *Pride and Prejudice* u *David Copperfield*. Kien ukoll jieħu sehem bħala attur minuri f'xi film bħal *Vendetta for the Saint* u *Pulp*. Fis-snin ħamsinijiet waqqaf il-Paola Yuventus, għaqda teatrali tar-radjudrammi fuq ir-*Rediffusion*.



# Infakkru b'ġieħ!

*Emmanwel F. Attard*

Din l-ewwel ħarġa ta' *Il-Malti* fis-sena memorabbli tal-bidu tat-Tielet Millennju, b'libsa u struttura ġdida, sejra tkun waħda li bla dubju ta' xejn, tagħmel ġieħ mhux biss lir-rivista nnifisha iżda wkoll lill-Akkademja tal-Malti. Kif xieraq ukoll fit-80 Anniversarju mit-twaqqif tagħha! Deherli, allura, li bħala kontribut tiegħi fiha, nittratta xi persunaġġi li jisthoqqilhom tabilħaqq jiġu mfakkra. Imfakkra u mogħtija l-ġieħ kbir li jixirqilhom għall-kontribut mill-aqwa u mill-aktar siewi lil Ilsienna u lil pajjiżna, tant snin ilu.

Ta' min jagħmel dan, aktar u aktar meta huma – u sa l-istess isimhom – jidhru li donnhom intesew, jew qegħdin jintesew. ... Ingratitudni li, b'xorti ħażina, tispikka xi drabi bħala karatteristika ta' ħafna minna l-Maltin. Għax rari, rari ħafna nsibu lil min ifakkarhom. ... Ħalli, mela, jitfakkru mill-Akkademja tal-Malti – kif fakkarhom mas-sentejn ilu, il-membru Akkademiku s-Sur Karmenu Ellul Galea, fit-tielet volum tiegħu, 'It-Trejdjunjoniżmu f'Malta'. Qiegħed nirriferi għal Joseph Hamilton, ibnu Robert u Anton Nicholas, it-tlieta rapprezentanti tal-poplu – l-ewwel imsemmi hu Nicholas fl-Assemblea Nazzjonali tal-1919, u Robert Hamilton fl-ewwel Parlament (jew Assemblea Leġislattiva) li kellu pajjiżna fl-1921.

Kulħadd jaf u jifhem x'importanza għandu u suppost ikollu parlament (u, madankollu, kull assemblea popolari – sew kostituzzjonali u aktar u aktar waħda leġislattiva) f'pajjiż demokratiku. Importanza u siwi mill-aktar vitali – kif xieraq u mistenni. Imqar jekk jaħslu jkunu parlamenti u assembleji "awtonomi" (u anqas jew taparsi hekk) f'kolonja ta' imperu kbir, bħalma kien pajjiżna f'imgħoddi mhux hekk imbiegħed. M'għandniex xi ngħidu, l-ewwel Parlament Malti maħtur fl-1921 – sentejn wara l-irvellijiet tas-7 ta' Ġunju, 1919 – mhux talli ma nistgħux nipparagunawh ma' dak tal-lum, ta' Malta indipendenti, iżda lanqas ma' dawk ta' bejn l-1947 u dak sa qabel il-21 ta' Settembru, 1964, Jum l-Indipendenza. Iżda, xorta waħda jibqa' l-fatt illi fl-Assemblea Nazzjonali tal-1919 u fl-Assemblea Leġislattiva (jew Parlament) tal-1921, kostituzzjonalment Malta mxiet b'passi lejn l-għamla ta' parlament – ta' Stat sovran u demokratiku – li għandna llum. Ma kinux ċertament xi passi